MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2013

Numru. 236/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**FRANCIS GRIMA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Francis Grima ta' 56 sena mwieled Haz-Zebbug, Malta nhar l-11 ta' Frar 1954 bin il-mejjet Nicholas u Grazia nee' Camilleri residenti gewwa 'Qalb ta' Gesu', Triq il-Kurkanta, Zebbug, Malta u detentur ta' Karta ta' l-identita' numru 244154(M).

Gie akkuzat talli gewwa San Giljan bejn l-14 ta' April 1998 u it-12 ta' Gunju 2002 b'diversi atti maghmulin b'rizoluzzjoni wahda fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, bhala il-propjetarju tal-fond bl-isem ta'

'Frans Green Grocer', No:-15, Paceville Avenue, San Giljan b'mezzi qarrieqa li bihom setgha jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter, tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi u b'hekk ikkommetta serq ta' dawl elettriku ta' €6,415.04 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa ikkwalfikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur.

U aktar taht l-istess cirkostanzi kkommetta hsara volontarja fuq meter tad-dawl tal-marka Ferrenti bin-numru 10601436 liema hsara ma teccedix il-mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47), imma jkun izjed minn tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29) ghad-dannu tal-korporazzjoni tal-Enemalta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 26 ta' Arpil, 2011 (Ara fol. 109 tal-Process) u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja (Ara fol. 110 tal-Process).

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Nikolai Sant ghall-Prosekuzzjoni u Dr. Paul Farrugia ghall-imputat iddikjaraw li jaqblu li minn ezami bir-reqqa tal-provi migbura, l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat ma jirrizultawx ippruvati u konsegwentement talbu li l-Qorti tillibera lill-imputat minn kull akkuza migjuba kontra tieghu.

Fid-dawl tas-suespost u tal-provi prodotti l-Qorti tillibera lill-imputat Francis Grima mill-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------